Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Numru 872/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Azzopardi**
v

**STEPHEN JASON CARDONA**
**JOSEPH CARUANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **STEPHEN JASON CARDONA** ta' sbatax il-sena bin Saviour u Pauline nee Schembri, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1986 u residenti 'Donabri', Triq Serafin M. Zarb, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 429286M u **JOSEPH CARUANA** ta' erbatax il-sena bin Grazio u Rita nee Bugeja, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Awissu 1989 u residenti 6, 'Sinjal tal-Art', Triq t-Tlieta w Ghoxrin ta' Lulju 1942, detentur tal-karta tal-identita numru 372389M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli f'xi jum qabel t-tnax ta' Settembru

2003 f'xi hin wara nofsinhar, fil-limiti taz-Zurrieq, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal izjed minn hames mitt lira maltin saret ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' persuni ohra.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2003 esibit fl-atti markat bhala dokument CSH 4 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat l-istqarrijiet tal-istess zewg imputati markati bhala dokument CSH 5 fil-konfront ta' l-imputat Joseph Caruana u dik tal-imputat Stephen Jason Cardona markata bhala dokument CSH 6.

Rat l-fedini penali taz-zewg imputati esibiti fl-atti markati bhala dokument CSH 2 fil-konfront tal-imputat Joseph Caruana u CSH 3 fil-konfront tal-imputat Stephen Jason Cardona, liema fedini penali huma nodfa, bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqhom.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sbatax ta' Novembru, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghalhekk, il-Qorti, tiddecidi li ssib lil imputati STEPHEN JASON CARDONA u JOSEPH CARUANA hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom u tilliberhom bil-kudizzjoni li ma jghamlux reat iehor fi zmien sitt xhur mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------